Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 41/2016

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Raymond Grech Marguerat

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Raymond Grech Marguerat detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 474655 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fil-25 ta' Lulju, 2015 07:00AM bil-vettura CAF 458 gewwa Triq ix-Xatt, Msida;

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b' mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2));
2. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b' nuqqas ta' kont (Kap 65 Artiklu 15 (a (a), 2));
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3));
4. Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, nqast li tilbes ic-cintorin tas-sigurta (L. S. 65. 12 Artiklu 3);

5. Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, inqast li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tieghek b' sinjal meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek jew taqbez vettura, ziemel jew frat (L. S. 65. 11 Artiklu 75)
6. Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-Pulizija jew minn ufficjal iehor ta' awtorita' ohra waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b' xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu reat hassart dak li kienu qed jaghmlu. (Kap9 Artiklu 338 (EE));
7. Soqt jew pruvajt issuq, jew kellek kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f' post pubbliku iehor waqt li ma kontx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15 A (1))#
8. Inqast jew irrifjutajt li taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs, tad-demm u / jew ta' l-urina (Kap 65 Section15 (E))

Il-Prosekuzzjoni titob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrila xieraq.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti illiberatu mill-akkuzi numri 1, 2, 3, 4, 6, 7 u 8 u sabitu hat ital-akkuza numru 5 u;

Immultatu multa komplessiva ta' hamsin ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Frar, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-hames imputazzjoni u fejn illiberatu mill-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, filwaqt illi thassar il-parti tas-sentenza koncernanti t-tmien imputazzjoni u minflok issib lill-appellat hati taghha u tinfliggi piena skond il-ligi relevanti u edegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi a skans ta' kull ekwivoku jingħad li dan l-appell jitratta biss l-liberatorja fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni u dana peress li fir-rigward ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet ġaladarba l-appellat instab ħati tal-ħames imputazzjoni indirettament nstab ħati wkoll tagħhom u b'hekk ġew assorbiti. Illi fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni ma saret l-ebda referenza għat-tali nuqqas u għaldaqstant il-prosekuzzjoni naqset milli tipprovaha u fir-rigward tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet, skont l-ewwel Qorti kien hemm konflitt fil-provi ħaġa li l-esponent ma jistgħax jappella fuqha;

Illi kwindi fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni, li hi l-meritu tal-appell odjern, kollox jindika li l-appellat ngħata t-twissija rikjesta f'żewġ okkażjonijiet, l-ewwel minn PC 589 Etienne Grima meta l-appellat kien għadu fl-imsemmija vettura u t-tieni darba minn PC 1537 Paul Falzon meta l-appellat ittieħed fl-għassa tal-Imsida. Illi l-esponent jisħaq li kemm il-darba l-ewwel Qorti dehrilha li mix-xiehda ta' Ahmad Naghi, Janne Markus Miettinen (sa dan l-istadju, l-esponent ma jafx x'xehdu dawn il-persuni peress li l-atti m'humiex traskritti iżda jidher li kienu preżenti fl-ewwel inkontru li l-appellat kellu ma' PC 589, li fi kwalunkwe każ xorta ma kienux mitkellma mill-pulizija għax joħroġ ċar lis-sewwieq tal-vettura kien propju l-appellat) u l-appellat nnifsu kien hemm xi kunflitt fil-provi fir-rigward tal-ewwel twissija, mill-banda l-oħra ma jistgħax jingħad l-istess għat-tieni okkażjoni fejn kollox seħħ ġewwa l-għassa tal-pulizija fejn din id-darba tali rifjut ġiet ikkorroborat mix-xiehda taż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, li fl-umli fehma tal-esponent kellhom jitwemmnu, tant li d-difiża għoġobha tistrieħ fuq l-affidavit ta' PC 589 u għażlet li ma tagħmilx il-kontreżami, *dunque* d-difiża ma kellha xejn x'tirribatti u x'tiċċara minn tali xiehda. Illi *di piu* tali nuqqas ġie wkoll ippruvat mill-irċevuta li tinsab annessa a fol 9 u li ġiet esebita minn PC 1537 Paul Falzon fejn fiha hemm indikat li s-

suġġett, f'dan il-każ l-appellat, għalkemm ingħata twissija xorta rrifjuta li jagħti l-kampjun rikjest skont il-liġi;

Illi l-artikolu 15E.(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li l-fatt waħdu li persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat li jfisser li kemm il-darba il-prosekuzzjoni tipprova dan il-fatt l-imputat għandu jinstab ħati ta' dan ir-reat indipendentement x'taħseb il-Qorti fir-rigward ta' sokor o meno. Illi l-liġi tkompli li kemm il-darba ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt, li jfisser li kemm il-darba fil-każ odjern il-Qorti dehrilha li kien hemm xi kunflitt u/jew ġie ppruvat mix-xiehda tad-difiża, propju l-kuntrarju xorta jibqa' il-fatt li l-appellat irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs;

Illi *in oltre* l-liġi tkompli tispjega li l-unika difiża li persuna tista' tintavola għal tali rifjut hi minħabba l-<u>inkapaċità fiżika</u> jew <u>mentali</u> li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha. Illi mil-atti proċesswali ma jirriżultax li l-appellat kien f'xi <u>nkapaċita fiżika</u> jew <u>mentali</u> li rrendietu nkapaċi li jagħti l-kampjun għax meta l-liġi titkellem dwar "inkapacita` fiżika jew mentali" qed tirreferi għal inkapacita` li trid teżisti <u>indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab tagħti l-kampjun</u>, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta għall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'inċident awtomobilistiku."(vide Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001) Illi *di piu* wieħed jista' jieħu in konsiderazzjoni provi oħra, (fl-umli opinjoni tal-esponent l-ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni tal-kontenut fl-affidavit) apparti mir-riżultat o meno tal-analiżi magħmula skont l-Artikolu 15E, bħal ngħidu aħna l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq kif ukoll riħa qawwija ta' xorb li tista' tkun preżenti hekk kif seħħ fil-każ odjern;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent igħid bla tlaqliq, li kemm il-darba persuna tkun akkużata li tkun naqset jew irrifjutat li tagħti kampjun tan-nifs u in sostenn ta' dan bħala prova tiġi esebita l-irċevuta tan-nifs, dina waħedha għandha

tkun biżżejjed bħala prova u mhux għax sempliċiment imputat, b'mod ovvju jinnega kollox allura jfisser li hemm kunflitt ta' prova. Illi l-esponent jerġa' jagħmel enfażi li dana kollu għandu jitqies ukoll <u>indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab tagħti l-kampjun</u> għax l-interess ewlieni tal-pulizija tat-traffiku mhu xejn ħlief li tiġi assikurata s-sigurta' fit-toroq tagħna u kwindi l-pulizija m'għandha ebda interess ulterjuri li tressaq sewwieqa b'kapriċċ jew ta' xejn. Illi iżda sfortunatament, sentenzi ta' dina x-xorta, ma tantx jirriflettu x-xogħol siewi u l-problemi ta' din il-kwalita' li dawna l-uffiċjali qed iħabbtu wiċċhom magħhom ta' kuljum u jsegwi li ai termini tad-disposizzjoni tal-liġi hawn fuq ċitata u konsiderando li meta l-appellat irrifuta li jagħti l-kampjun kien qiegħed fl-għassa u li dak li ntqal fl-affidavit relattiv ta' PC 589 Etienne Grima huwa kkorroborat kemm bid-dokument li esebixxa PC1537 Paul Falzon kif ukoll bix-xiehda ta' PC 1537 innifsu, għalkemm kif ġa ntqal qabel, m'hemm l-ebda xiehda traskritta fl-atti, jsegwi li dan ir-reat ġie ben ippruvat;

Għaldaqstant indubbjament isegwi illi l-Qorti kellha ssib ħtija wkoll taħt it-tmien (8) imputazzjoni u b'hekk il-piena hekk kif erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi varjata sabiex tali piena tkun tirrefletti dik il-piena applikabbli skont id-disposizzjonijiet tal-liġi.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa 'il quddiem mill-Avukat Generali hija limitata ghal dik il-parti tad-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn l-appellat gie illiberat mit-tmien imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fejn huwa gie akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-artikoli 15(E) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghaliex jishaq illi l-provi kienu jindikaw xort'ohra u cioe' illi l-appellat irrifjuta joqghod ghat-test tan-nifs minghajr raguni valida fejn allura tiskatta l-presunzjoni legali illi l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ikun jaqbez il-limitu preskritt fil-ligi. Fil-fehma ta'l-Avukat Generali fiz-zewg okkazzjonijiet illi l-appellat gie mitlub joqghod ghat-test tan-nifs (l-ewwel darba fil-vettura u it-tieni darba gewwa l-ghassa tal-pulizija) huwa inghata it-twissija skont il-ligi fejn gie lilu spjegat illi r-rifjut tieghu kien bizzejjed biex jammonta ghal reat.

Ikkunsidrat,

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' lill-appellat jaghti x-xhieda tieghu, flimkien max-xhieda li huwa ressaq in difeza in prim'istanza. Semghet ukoll ix-xhieda ta' PC1537 Paul Falzon u hadet konjizzjoni ta'l-affidavit pprezentat mil-PC589 Etienne Grima u cioe' l-pulizija li investigaw dan is-sinistru. Illi hemm kunflitt fil-provi bejn dak li ighidu l-pulizija u dak li jikkontendi l-appellat u x-xhieda minnu imressqqa ghal ta'l-inqas fir-rigward tal-fatti kif sehhew meta l-appellat gie imwaqqaf bil-vettura tieghu mill-pulizija gewwa l-Imsida, fejn il-pulizija jallegaw illi l-appellat kellu riha qawwija ta' xorb u kien ghalhekk illi huma riedu ikomplu jinvestigawh billi jissottoponuh ghat-test tan-nifs gewwa l-ghassa tal-pulizija. Kien minhabba f'din ir-raguni li huwa ghalhekk gie mehud l-ghassa. Illi ghalkemm il-pulizija jishqu illi l-appellat gie infurmat illi kien hemm suspett li kien taht l-influwenza tax-xorb u li kien ser jittiehed l-ghassa sabiex isirlu t-test tan-nifs, madanakollu l-appellat jishaq illi ghalkemm jiftakar lill-pulizija jakkuzawh li kien fis-sakra mandanakollu jishaq illi huwa ma geix infurmat bir-raguni ghall-arrest tieghu. Il-hbieb tieghu li kienu qed jakkompanjawh dak in-nhar t-tnejn ma kenux ta' nazzjonalita maltija, ghalkemm wiehed minnhom jidher li kien jifhem bil-malti. Dawn isostnu illi fl-ebda hin ma semghu lill-pulizija jindika lill-appellat li kien ser isirlu t-test tan-nifs jew jinghata xi twissija f'dan is-sens, ghalkemm jaqqblu illi lit-tnejn li huma l-pulizija zammewhom appartati meta qalulhom biex jitbieghdu minn hdejn l-appellat u imorru jistriehu ma hajt in-naha l-ohra tat-triq. Din il-Qorti madanakollu hija tal-fehma illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jigri u dak li kienu qed ighidulu l-pulizija. Dan ighiduh mhux biss PC1537 fix-xhieda tieghu meta jindika illi l-appellat ma setax jifhem il-*caution* li kien qed jinghata specjalment dwar il-fatt illi ir-rifjut tieghu kien jammonta ghal reat skont il-ligi, izda jindikah ukoll l-appellat fix-xhieda tieghu meta jirrispondi b'mod konfuzjonarju dwar dak li intqal lilu fuq il-post ta'l-incident. Per ezempju ma huwiex cert jekk il-pulizija tallbuhx l-ID card, ighid li ghalkemm ma tawhx spjegazzjoni ghaliex kienu ser jehduh l-ghassa, madanakollu jidhirlu illi l-pulizija indikawlu li kien xurban. Anke meta mistoqsi jekk l-pulizija indikawlux li kien ser jitnizzel l-ghassa biex jaghmel it-test tan-nifs, ghall-ewwel fl-ezami jidher illi huwa

cert li dan id-diskors ma sehhx, imbaghad in kontro-ezami jibda jittituba meta iwiegeb: "I don't believe so", u "Sa fejn naf jien le." Wara imbaghad jerga jinsisti illi l-pulizija ma indikawlux dan.

Maghdud dan madanakollu huwa indubitat illi meta l-appellat wasal gewwa l-ghassa tal-pulizija huwa gie infurmat li kien ser isirlu t-test tan-nifs, inghatatlu it-twissija u hu irrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs. Isostni l-appellat madanakollu illi l-pulizija ghalkemm infurmawh illi seta jirrifjuta joqghod ghal dan it-test, madanakollu ma infurmawhx illi dan in-nuqqas minn naha tieghu kien jammonta ghal reat. Ghalhekk huwa haseb li seta' jirrifjuta, hekk ghamel, iffirma karta u gie rilaxxjat. Wara inharrgu l-akkuzi fil-konfront tieghu.

L-Avukat Generali ghalhekk fl-appell minnu intentat jishaq illi dan ir-rifjut wahdu gewwa l-ghassa tal-pulizija wassal ghal konsumazzjoni tar-reat previst fl-artikolu su-iccitat.

Issa f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti sejset il-liberatorja taghha mit-tmien akkuza fuq il-fatt li dehrilha li kien hemm kunflitt fil-provi bejn dak li xehdu il-pulizija u dak li xehed l-appellat u ix-xhieda in difeza dwar jekk l-appellat inghatax it-twissija mill-ufficjali tal-pulizija qabel ma gie mitlub joqghod ghat-test tan-nifs illi ir-rifjut tieghu kien jammonta ghal reat, meta imbaghad skatat l-presunzjoni legali ismemmija fl-artikolu 15(E) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi gie deciz:

**"…. meta persuna tirrifjuta li tossottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs f'dak illi huwa maghruf bhala "roadside test", dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat indikat fic-citazzjoni. Ir-reat imbaghad jigi ikkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemm l-apparat ordnat mil-ligi u f'dak l-istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami..**[1]"

Illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta sahansitra kienet ghamlet studju approfondit bejn dak li jistipula l-artikolu 15(C) u l-artikolu 15(E), taht liema artikolu hija imressqa l-akkuza fil-konfront ta'l-appellat, meta inghad:

[1] Il-Pulizija vs Ramon Fenech App.Inf – 26/03/2015

**"Il-ligi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jinghata ghall-finijiet ta' test tan-nifs (Art. 15C), u z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-finijiet ta' l-analizi permezz ta' strument approvat (Art. 15E(1)(a)). Huwa biss jekk wiehed jirrifjuta jew jonqos milli jaghti wiehed jew aktar minn dawn iz-zewg kampjuni (cioe` ghall-finijiet tal-analizi permess ta' strument approvat) li wiehed ikun qed jikkommetti r-reat kontemplat fl-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. Dan huwa car mill-kliem adoperati fl-imsemmi subartikolu: "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dan l-artikolu [u mhux ukoll taht l-Artikolu 15C] tkun hatja ta' reat…" Persuna li tirrifjuta li taghti n-nifs ghall-finijiet tat-test tan-nifs, jigifieri ghall-finijiet ta' dak li komunement jissejjah ir-roadside test (ara d-definizzjoni ta' "test tan-nifs" fl-Artikolu 15I(1)) tkun soggetta li tigi arrestata taht l-Artikolu 15D (basta li tkun inghatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15D), mehuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, cioe` fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli taghti n-nifs kif mehtieg ghall-analizi, u minghajr raguni valida skond il-ligi, tkun hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4).[2]"**

Dan ifisser allura illi r-rifjut li jossottoponi ruhu ghat-test tan-nifs fit-termini ta'l-artikolu 15C wassal ghall-arrest ta'l-appellat, kif mahsub fl-artikolu 15D tal-Kap.65. Jekk imbaghad isehh ir-rifjut biex isirlu t-test tan-nifs gewwa l-ghassa tal-pulizija, huwa hemmhekk biss li jiskatta r-reat. Ir-reat b'hekk jista' jigi ikkunsmat biss meta ikun hemm ir-rifjut gewwa l-ghassa tal-pulizija. Issa mill-provi akkwiziti in atti jidher illi it-test tan-nifs u r-roadside test qatt ma seta isir mill-pulizija billi kif jixhed il-PC1537 Paul Falzon "dak iz-zmien ma kellniex il-hand held jigifieri ma stajniex naghmlu t-test fuq il-post…", oltre ghal fatt illi fuq il-persuna tieghu l-appellat ma kellux ID card u allura kellhom jaghmlu l-verifiki dwar l-identifikazzjoni tieghu minn fuq il-kompjuter gewwa l-ghassa. Kwindi huma biss dawk il-fatti li sehhew gewwa l-ghassa tal-pulizija li huma determinanti ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza.

Issa fl-affidavit tal-PC589 Grima hemm mistqarr hekk:

---

[2] Il-Pulizija vs Julian Sciberras – App. Inf. 13/03/2001

"PC1537 rega tah it-twissija u dak il-hin is-sur Grech irrifjuta li jittiehidlu kampjun tan-nifs."

Imkien ma gie imfisser minn dan l-ufficjal tal-pulizija x'tip ta' twissija inghatat lill-appellat u jekk giex lilu spjegat car u tond il-konsegwenzi ta' tali rifjut, issa allura li bir-rifjut tieghu kien ser ikun hemm il-konsumazzjoni tar-reat.

Fuq id-dokument tat-test innfisu hemm dikjarat hekk:

The subject has been warned but refused to supply a breath specimen for analysis."

Fix-xhieda tal-PC1537, imbaghad kif inghad jirrizulta illi meta imwissi fuq il-post l-appellat ma setax jifhem in-natura tat-twissija u l-procedura li tigi segwieta. Ikompli ighid hekk:

"X'hin hadnieh l-ghassa iccekjajna d-dettalji tieghu, li d-dettalji li tana kienu korretti, kkonfermajniehom, ergajt tajtu l-caution qabel tajtu t-test u nfurmajtu li jekk kien ha jirrifjuta kien ser ikun reat u konna ha nohorgulu c-charges li kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb u hu irrifjuta li jaghmel t-test."

Illi minn din ix-xhieda ghalhekk ma jirrizultax jekk l-appellat kienx f'posizzjoni jifhem dak li kien qed jinghad lilu mill-pulizija u fi kwalunwke kaz lanqas ma jidher car il-mod kif inghatat t-twissija. Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-*caution* f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha. Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija.(ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): ***"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is"charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date***

***of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."***

Dan ifisser allura illi mill-mument ta'l-arrest ta'l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma'l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tichad l-appell ta'l-Avukat Generali u tikkonferma d-decizjoni impunjata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur